



Kunsill Ewropew

Brussell, 2 ta' Lulju 2019  
(OR. en)

EUCO 18/19

CO EUR 17  
CONCL 6

**NOTA**

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew (30 ta' Ġunju, 1 u 2 ta' Lulju 2019) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

1. Il-Kunsill Ewropew eleggħa lil Charles Michel bħala President tal-Kunsill Ewropew għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2019 sal-31 ta' Mejju 2022. Huwa talab lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill biex jassisti lill-President elett tal-Kunsill Ewropew matul il-perijodu ta' transizzjoni.
2. Il-Kunsill Ewropew laqa' d-deċiżjoni tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja li l-munita tagħhom hija l-euro li taħtar lil Charles Michel bħala President tas-Summit taż-Żona tal-Euro għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2019 sal-31 ta' Mejju 2022.
3. Il-Kunsill Ewropew adotta d-deċiżjoni li ttipproponi lil Ursula von der Leyen lill-Parlament Ewropew bħala kandidata għal President tal-Kummissjoni Ewropea.
4. Il-Kunsill Ewropew iqis li Josep Borrell Fontelles huwa l-kandidat adatt għal Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, soġġett għall-qbil tal-President elett tal-Kummissjoni.
5. Il-Kunsill Ewropew iqis li Christine Lagarde hija l-kandidata adatta għal President tal-Bank Ċentrali Ewropew, soġġett għar-rakkomandazzjoni u l-opinjoni rilevanti f'konformità mat-Trattati.

---